MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 155/2002/1

**Sirap Limited**

**Vs.**

**Martin u Jacqueline konjugi Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-societa attrici talbet il-hlas ta’ Lm280.96 rappresentanti mport ta’ tmien kambjali minnhom iffirmati favur l-istess societa attrici.

Ra r-risposta fejn il-konvenut Martin Micallef iddikjara li ma ffirma ebda kambjala u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra s-seduta tad-29 ta’ April 2002 fejn giet differita ghat-13 ta’ Gunju 2002 ghall-provi tal-partijiet.

Sema x-xhieda tas-societa attrici.

Ra s-seduta tat-13 ta' Gunju 2002 fejn il-konvenuti ma dehrux.

Ra d-dokumenti SL1-SL12 No. 3.

Ra li l-konvenut Martin Micallef naqas li jixhed u jippresenta provi. Ra li l-konvenuta Jacquiline Micallef naqset li tikkontesta l-kawza.

Ghaldaqstant jilqa t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz u cioe 1 ta' April 2002.

**Philip Manduca**
**Gudikant**